**143. L-Onor Gavin Gulia ppropona illi:**

Din il-Kamra tar-Rappreżentanti mħassba bl-iżviluppi serji li seħħew fil-qasam tas-sigurta' interna speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija tal-ħabs ċivili li jaqa' taħt il-Ministru ta' l-Intern Dr Tonio Borg;

Wara li f'Awissu 1999 ħarab mill-kustodja tal-Pulizija Hashim Yousef El Zabi li kien akkużat b'importazzjoni f'pajjiżna ta' 18-il kilo droga liema priġunier għadu ma nstabx u aktarx ħarab minn Malta wkoll;

Billi El Zabi kien detenut fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u kien irnexxielu jinganna lill-awtoritaijiet tal-ħabs li kien serjament ma jiflaħx u kellu bżonn kura fl-Isptar Boffa minn fejn ħarab;

Billi l-Ministru ta' l-Intern Dr Tonio Borg iddikjara pubblikament li d-Direttur tal-Ħabs "mhux responsabbli għal dak kollu li jiġri mill-għatba tal-ħabs 'il barra";

Wara li, sussegwentament, kienu rnexxilhom jaħarbu John Woods u Anthony Zammit, mis-SATU, taqsima li taqa' taħt l-operazzjonijiet tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

Wara li, f'Marzu ta' din is-sena, irnexxilhom jaħarbu addirittura erba' priġunieri f'daqqa, Ben Ibrahim Mohsen, el Baden Ayman Said, Shnizali Ibrahim Ramadan u Charles Mugliett, mid-Diviżjoni 6, li suppost li hija l-aktar diviżjoni sikura tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin; tlieta minn dawn il-priġunieri huma fost l-aktar perikolużi, akkużati b'reati jew qegħdin jiskuntaw sentenzi ta' omiċidju volontarju;

Billi l-Ministru Dr Tonio Borg f'dan l-istadju kien iddikjara pubblikament li huwa għandu "fiduċja sħiħa fid-Direttur tal-Ħabs Manwel Cassar", minkejja dan il-ħrib kollu u minkejja t-talbiet kontinwi ta' l-Oppożizzjoni Laburista biex Manwel Cassar jew jirriżenja jew il-Gvern jitlob ir-riżenja tiegħu;

Wara li fis-7 ta' Ġunju 2000 irnexxilhom jaħarbu tliet priġunieri oħrajn – l-istess John Woods u Anthony Zammit, li kienu diġa' ħarbu preċedentement, kif ukoll Mohammed Goma Bakkush akkużat b'importazzjoni f'pajjiżna ta' aktar minn kilo droga – mid-Diviżjoni taż-Żgħażagħ (YOURS) tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

Billi dan il-ħrib kollu sar mill-għatba 'l ġewwa tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin li huwa responsabbli għaliha, mil-lat amministrattiv, ħadd ħlief id-Direttur Manwel Cassar;

Billi l-Ministru Dr Tonio Borg ripetutament ġedded fil-konfront ta' l-amministrazzjoni tal-ħabs il-"fiduċja sħiħa" tiegħu minkejja l-fallimenti lampanti u kontinwi fis-sistema tas-sigurta' tal-ħabs;

Billi l-istess Ministru Dr Tonio Borg indaħal politikament fl-amministrazzjoni tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin;

Billi sal-ġurnata tal-lum il-Ministru Dr Tonio Borg baqa' ma ħa ebda passi fil-konfront tad-Direttur tal-Ħabs anke jekk l-opinjoni pubblika qiegħda tesiġi r-riżenja tiegħu u tad-Direttur tal-Ħabs;

Għalhekk:

Din il-Kamra, in vista taċ-ċirkostanzi kollha ta' dawn il-każijiet, tiċċensura bil-qawwa kollha lill-Ministru ta' l-Intern Dr Tonio Borg, tesiġi r-riżenja tiegħu u jekk jibqa' ma jirriżenjax tesiġi t-tkeċċija tiegħu mill-kariga ta' Ministru tal-Gvern.

12.06.2000